



Brussell, 11 ta' Diċembru 2020
(OR. en)

13937/20

**Fajl Interistituzzjonali:
2020/0289(COD)**

ENV 791
JUR 588
JUSTCIV 150
INF 219
ONU 81
CODEC 1315

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kunsill
Nru. dok. preċ.: 13531/20	
Nru dok. Cion:	11853/20 - COM(2020) 642 final
Suġġett:	Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-emendar tar-Regolament (KE) Nru 1367/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Settembru 2006 dwar l-applikazzjoni għall-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità tad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni ta' Aarhus dwar l-Aċċess għall-Infurmazzjoni, il-Parteċipazzjoni tal-Pubbliku fit-Teħid ta' Deċiżjonijiet u l-Aċċess għall-Ġustizzja fi Kwistjonijiet Ambjentali – Approċċ ġenerali

1. Fl-14 ta' Ottubru 2020, il-Kummissjoni bagħtet lill-Kunsill Proposta¹ għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-emendar tar-Regolament (KE) Nru 1367/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Settembru 2006 dwar l-applikazzjoni għall-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità tad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni ta' Aarhus dwar l-Aċċess għall-Infurmazzjoni, il-Parteċipazzjoni tal-Pubbliku fit-Teħid ta' Deċiżjonijiet u l-Aċċess għall-Ġustizzja fi Kwistjonijiet Ambjentali².

¹ Dok. 11853/20.

² ĠU L 264 tal-25.9.2006, p. 13.

2. Il-proposta għandha l-għan li tindirizza l-konklużjonijiet mill-Kumitat għall-Konformità mal-Konvenzjoni ta' Aarhus (ACCC) tal-2017 fil-kawża ACCC/C/2008/32³ dwar il-konformità tal-UE mal-Konvenzjoni, filwaqt li tirrispetta bis-sħiħ il-prinċipji fundamentali tal-ordni legali tal-UE u s-sistema ta' rieżami ġudizzjarju tagħha. B'mod partikolari, il-proposta tfittex li twessa' l-firxa ta' atti li jistgħu jkunu soġġetti għal rieżami amministrattiv.
3. Flimkien mal-proposta, il-Kummissjoni ppreżentat Komunikazzjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni intitolata "It-titjib tal-aċċess għall-ġustizzja fi kwistjonijiet ambjentali fl-UE u fl-Istati Membri tagħha"⁴. Il-Komunikazzjoni tistabbilixxi numru ta' azzjonijiet prijoritarji biex jiġi ffaċilitat l-aċċess għall-ġustizzja għall-NGOs fi kwistjonijiet ambjentali fil-livell nazzjonali u fl-UE.
4. Fl-1 ta' Diċembru 2020, il-Parlament Ewropew ħatar lis-Sur Christian Doleschal (PPE, DE) bħala Rapporteur dwar il-fajl għall-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel (ENVI). Il-PE huwa mistenni jivvota dwar il-pożizzjoni tiegħu fil-plenarja f'Mejju 2021.
5. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew informa lill-Kunsill li biħsiebu jadotta l-opinjoni tiegħu fil-laqgħa plenarja tiegħu ta' bejn is-26 u t-28 ta' Jannar 2021. Il-Kumitat tar-Regġuni informa lill-Kunsill li mhux ser jagħti opinjoni.
6. Il-proposta ġiet eżaminata fil-livell tal-grupp ta' ħidma f'numru ta' laqgħat, li rriżultaw fi qbil ġenerali dwar test ta' kompromess tal-Presidenza mmirat biex jiġu ċċarati ċerti dispożizzjonijiet tal-proposta tal-Kummissjoni⁵. It-test sussegwentement kien soġġett għal proċedura ta' silenzju informali li ma ġietx interrotta.

³ Ara <https://www.unece.org/env/pp/compliance/Compliancecommittee/32TableEC.html>

⁴ Dok. 11854/20.

⁵ Dok. 13018/20.

7. Fid-9 ta' Diċembru 2020, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti kkonferma l-qbil dwar it-test ta' kompromess kif jinsab fl-Anness għal din in-nota, u qabel li jibgħat it-test lill-Kunsill bil-ħsieb li jintlaħaq qbil dwar approċċ ġenerali fil-Kunsill (Ambjent) fis-17 ta' Diċembru 2020. SE indikat li hija żammet riżerva ta' skrutinju parlamentari li kienet mistennija li titneħħa qabel il-laqgħa tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru.
 8. It-test fl-Anness għal din in-nota jirrifletti dan il-kompromess. Iż-żidiet għall-proposta tal-Kummissjoni huma sottolinjati, filwaqt li t-tħassir huwa mmarkat bi [...].
 9. Il-Kunsill huwa mistieden jeżamina t-test ta' kompromess kif jinsab fl-Anness għal din in-nota bil-ħsieb li jintlaħaq qbil dwar approċċ ġenerali.
 10. L-Approċċ ġenerali ser jikkostitwixxi l-mandat tal-Kunsill għal negozjati futuri mal-Parlament Ewropew.
-

Proposta għal

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL
dwar l-emendar tar-Regolament (KE) Nru 1367/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill
tas-6 ta' Settembru 2006 dwar l-applikazzjoni għall-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità
tad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni ta' Aarhus dwar l-Aċċess għall-Informazzjoni, il-
Parteċipazzjoni tal-Pubbliku fit-Teħid ta' Deċiżjonijiet u l-Aċċess għall-Ġustizzja fi
Kwistjonijiet Ambjentali**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 192(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew¹,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni²,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

¹ ĠU C , , p. .

² ĠU C , , p. .

- (1) L-Unjoni u l-Istati Membri tagħha huma Partijiet għall-Konvenzjoni dwar l-Aċċess għall-
Informazzjoni, il-Parteċipazzjoni tal-Pubbliku fit-Teħid ta' Deċiżjonijiet u l-Aċċess għall-
Ġustizzja fi Kwistjonijiet Ambjentali (il-Konvenzjoni ta' Aarhus)³ tal-Kummissjoni
Ekonomika tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ewropa (UNECE), kull wieħed bir-
responsabbiltajiet u l-obbligi tiegħu, kif ukoll bir-responsabbiltajiet u l-obbligi kondiviżi
skont dik il-Konvenzjoni.
- (2) Ir-Regolament (KE) Nru 1367/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴ ġie adottat biex
jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-obbligi skont il-Konvenzjoni ta' Aarhus billi
jistabbilixxi r-regoli dwar l-applikazzjoni tagħha għall-istituzzjonijiet u l-korpi tal-UE.
- (3) Fil-Komunikazzjoni tagħha lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-
Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni tal-11 ta' Diċembru 2019,
bit-titolu "Il-Patt Ekoloġiku Ewropew", il-Kummissjoni impenjat ruħha li tikkunsidra li
tirrevedi r-Regolament (KE) Nru 1367/2006 biex iżżid l-aċċess għar-rieżami amministrattiv
u ġudizzjarju fil-livell tal-UE għaċ-ċittadini u għall-organizzazzjonijiet ambjentali mhux
governattivi li jkollhom tħassib dwar il-kompatibbiltà mal-liġi ambjentali tad-deċiżjonijiet li
jkollhom effetti fuq l-ambjent. Il-Kummissjoni impenjat ruħha wkoll li tiegħu azzjoni biex
iżżid l-aċċess tagħhom għall-ġustizzja quddiem il-qrati nazzjonali fl-Istati Membri kollha;
għal dan l-għan, ħarġet Komunikazzjoni dwar *"It-titjib tal-aċċess għall-ġustizzja fi
kwistjonijiet ambjentali fl-UE u fl-Istati Membri tagħha"*.
- (4) Jenħtieġ li l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni tinġab konformi mad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni
ta' Aarhus dwar l-aċċess għall-ġustizzja fi kwistjonijiet ambjentali b'mod li jkun kompatibbli
mal-prinċipji fundamentali tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni u mas-sistema ta' rieżami ġudizzjarju
tagħha filwaqt li jitqiesu d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 9(3) tal-Konvenzjoni ta' Aarhus u t-
tħassib espress mill-Kumitat għall-Konformità mal-Konvenzjoni ta' Aarhus⁵.

³ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/370/KE tas-17 ta' Frar 2005 dwar il-konklużjoni, f'isem il-
Komunità Ewropea, tal-Konvenzjoni dwar l-aċċess għall-informazzjoni, il-parteċipazzjoni
pubblika fit-tehd ta' deċiżjonijiet u l-aċċess għall-ġustizzja fi kwistjonijiet ambjentali (ĠU L
124, 17.5.2005, p. 1).

⁴ Ir-Regolament (KE) Nru 1367/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Settembru
2006 dwar l-applikazzjoni għall-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità tad-dispożizzjonijiet
tal-Konvenzjoni ta' Aarhus dwar l-Aċċess għall-Informazzjoni, il-Parteċipazzjoni tal-Pubbliku
fit-Teħid ta' Deċiżjonijiet u l-Aċċess għall-Ġustizzja fi Kwistjonijiet Ambjentali (ĠU L 264,
25.9.2006, p. 13).

⁵ Ara l-konklużjonijiet tal-Kumitat għall-Konformità mal-Konvenzjoni ta' Aarhus fil-kawża
ACCC/C/2008/32 fuq
<https://www.unece.org/env/pp/compliance/Compliancecommittee/32TableEC.html>.

- (4a) F'dan ir-rigward, id-Deċizzjoni (UE) 2018/881⁶ tal-Kunsill talbet studju dwar l-opzjonijiet tal-Unjoni biex jiġu indirizzati l-konklużjonijiet tal-Kumitat għall-Konformità mal-Konvenzjoni ta' Aarhus, li għandu jiġi segwit, jekk xieraq, bi proposta biex jiġi emendat ir-Regolament (KE) Nru 1367/2006. Barra minn hekk, il-Parlament Ewropew fir-risoluzzjonijiet tiegħu tal-15 u s-16 ta' Novembru 2017⁷ u fil-15 ta' Jannar 2020⁸ talab emenda tar-Regolament (KE) Nru 1367/2006.
- (5) Il-limitazzjoni tar-rieżami intern għal atti amministrattivi ta' portata individwali, prevista fir-Regolament (KE) Nru 1367/2006, hija l-ostakolu ewlieni għall-organizzazzjonijiet ambjentali mhux governattivi li jkunu jfittxu li jitolbu rieżami intern skont l-Artikolu 10 ta' dak ir-Regolament, anki f'dak li jirrigwarda l-atti amministrattivi li jkollhom portata aktar wiesgħa. Għaldaqstant jenħtieġ li jitwessa' l-kamp ta' applikazzjoni tal-proċedura ta' rieżami intern stabbilita f'dak ir-Regolament biex dan ikun jinkludi l-atti mhux leġiżlattivi ta' portata ġenerali.
- (6) Jenħtieġ li d-definizzjoni ta' att amministrattiv għall-finijiet tar-Regolament (KE) Nru 1367/2006 tinkludi l-atti mhux leġiżlattivi. Madankollu, att mhux leġiżlattiv jaf ikun jinkludi miżuri ta' implimentazzjoni f'livell nazzjonali li l-organizzazzjonijiet ambjentali mhux governattivi jistgħu jiksibu protezzjoni ġudizzjarja kontra tagħhom, anki quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (QĠUE) permezz ta' proċedura għal deċizzjoni preliminari skont l-Artikolu 267 tat-TFUE. Għalhekk jixraq li jitħallew barra mill-kamp ta' applikazzjoni tar-rieżami intern id-dispożizzjonijiet ta' dawn l-atti mhux leġiżlattivi li għalihom il-leġiżlazzjoni tal-UE teħtieġ miżuri ta' implimentazzjoni fil-livell nazzjonali.

⁶ Id-Deċizzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/881 tat-18 ta' Ġunju 2018 li titlob lill-Kummissjoni tippreżenta studju dwar l-opzjonijiet tal-Unjoni biex tindirizza l-konklużjonijiet tal-Kumitat għall-Konformità mal-Konvenzjoni ta' Aarhus fil-kawża ACCC/C/2008/32 u, jekk xieraq fid-dawl tar-riżultati tal-istudju, proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1367/2006, ST/9422/2018/INIT, ĠU L 155, 19.6.2018, p. 6–7.

⁷ Ir-Risoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Novembru 2017 dwar Pjan ta' Azzjoni għan-natura, in-nies u l-ekonomija adottata fil-15 ta' Novembru 2017 (2017/2819 (RSP)) u r-Risoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-16 ta' Novembru 2017 dwar l-Analiżi tal-Implimentazzjoni Ambjentali (EIR) tal-UE (2017/2705(RSP)).

⁸ Ir-Risoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Jannar 2020 dwar il-Patt Ekoloġiku Ewropew (2019/2956 (RSP)).

- (7) Fl-interess taċ-ċertezza tad-dritt, sabiex jiġu esklużi kwalunkwe dispożizzjonijiet mill-kunċett ta' att amministrattiv, il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni trid b'mod espliċitu teżiġi l-adozzjoni ta' atti ta' implimentazzjoni għal dawk id-dispożizzjonijiet.
- (8) Biex tkun żgurata l-effikaċja, jista' jintalab ukoll rieżami tad-dispożizzjonijiet f'att amministrattiv li għalihom il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni espliċitament teżiġi miżuri ta' implimentazzjoni fil-livell tal-Unjoni meta jintalab ir-rieżami tal-miżura ta' implimentazzjoni.
- (9) Il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1367/2006 ikopri l-atti adottati skont il-liġi ambjentali. B'kuntrast ma' dan, l-Artikolu 9(3) tal-Konvenzjoni ta' Aarhus ikopri kontestazzjonijiet ta' atti li *"jiksru"* liġijiet b'rabta mal-ambjent. Għaldaqstant jenħtieġ li jiġi ċċarat li hu meħtieġ rieżami intern biex jiġi vverifikat jekk att amministrattiv jiksirx il-liġijiet ambjentali.
- (10) Meta jkun qed jiġi vvalutat jekk att amministrattiv fiha dispożizzjonijiet li jafu[...] jiksru l-liġi ambjentali, jenħtieġ li jitqies jekk dawk id-dispożizzjonijiet jistax ikollhom effett negattiv fuq il-kisba tal-oġġettivi tal-politika tal-Unjoni dwar l-ambjent stabbiliti fl-Artikolu 191 tat-TFUE. B'riżultat ta' dan, il-mekkaniżmu tar-rieżami intern ukoll jenħtieġ li jkopri l-atti li ġew adottati fl-implimentazzjoni ta' politiki oħra tal-Unjoni għajr il-politika ambjentali.
- (10a) Skont il-każistika tal-QĠUE⁹, att jitqies legalment vinkolanti, u għalhekk jista' jkun soġġett għal talba ta' rieżami, irrispettivament mill-forma tiegħu, peress li n-natura tiegħu bħala legalment vinkolanti titqies fir-rigward tal-effetti, l-oġġettiv u l-kontenut tiegħu.
- (11) Sabiex jingħata biżżejjed żmien biex jitwettagħ proċess tajjeb ta' rieżami, jixraq li jittawlu l-limiti taż-żmien stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 1367/2006 biex jintalab rieżami amministrattiv u li jittawlu l-limiti taż-żmien li japplikaw għall-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni biex iwieġbu din it-talba.

⁹ Il-Kawżi Magħquda 1/57 u 14/57 Usines à tubes de la Sarre vs l-Awtorità l-Għolja [1957] ECR 105, p. 114; Il-Kawża 22/70 il-Kummissjoni vs il-Kunsill [1971] ECR 263, ECLI:EU:C:1971:32, il-paragrafu 42; Il-Kawża C-325/91 Franza vs il-Kummissjoni [1993] ECR I-3283, il-paragrafu 9; Il-Kawża C-57/95 Franza vs il-Kummissjoni ECLI:EU:C:1997:164, il-paragrafu 22; Il-Kawżi Magħquda C 463/10 P u C 475/10 P, Deutsche Post u l-Ġermanja vs il-Kummissjoni, ECLI:EU:C:2011:656, il-paragrafu 36.

- (12) Skont il-każistika tal-QĠUE¹⁰, l-organizzazzjonijiet ambjentali mhux governattivi li jitolbu rieżami intern ta' att amministrattiv huma meħtieġa jressqu l-fatti jew argumenti legali sostanzjali biżżejjed biex iqajmu dubji serji meta jkunu qegħdin jiddikjaraw ir-raġunijiet għat-talba ta' rieżami.
- (13) Billi l-oġettivi ta' dan ir-Regolament, jiġifieri li jistabbilixxi regoli dettaljati biex jiġu applikati d-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni ta' Aarhus għall-istituzzjonijiet u għall-korpi tal-Unjoni, ma tistax tinkiseb mill-Istati Membri, iżda tista' tinkiseb biss fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jinkisbu dawk l-għanijiet.
- (14) Dan ir-Regolament jirrispetta d-drittijiet fundamentali u josserva l-prinċipji magħrufin mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (il-Karta), b'mod partikolari, id-dritt għal amministrazzjoni tajba (l-Artikolu 41) u d-dritt għal rimedju effettiv u għal proċess ġust (l-Artikolu 47). Dan ir-Regolament jikkontribwixxi għall-effikaċja tas-sistema tar-rieżami amministrattiv u tar-rieżami ġudizzjarju tal-Unjoni, u b'riżultat ta' dan, isahha l-applikazzjoni tal-Artikoli 41 u 47 tal-Karta u b'hekk jikkontribwixxi għall-istat tad-dritt minnux fl-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE).
- (15) Għaldaqstant jenħtieġ li r-Regolament (KE) Nru 1367/2006 jiġi emendat skont dan.

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 1367/2006 huwa emendat kif ġej:

1. L-Artikolu 2(1)(g) huwa sostitwit b'dan li ġej:

¹⁰ Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-12 ta' Settembru 2019 fil-Kawża C-82/17 P, *TestBioTech vs il-Kummissjoni*, ECLI:EU:C:2019:719, il-paragrafu 69.

(g) "att amministrattiv" tfisser kull att mhux leġiżlattiv li jiġi adottat minn istituzzjoni jew korp tal-Unjoni, li jkollu effetti legalment vinkolanti u esterni [...];

2. L-Artikolu 10 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafi 1 u 2 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"1. Kull organizzazzjoni mhux governattiva li tissodisfa l-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 11 għandha d-dritt li tagħmel talba għal rieżami intern lill-istituzzjoni jew lill-korp tal-Unjoni li adottaw att amministrattiv, jew fil-każ ta' ommissjoni amministrattiva, kellhom jadottaw tali att, għar-raġuni li dan l-att jew din l-ommissjoni jiksru l-liġi ambjentali skont it-tifsira tal-punt (f) tal-Artikolu 2(1).

Dawk id-dispożizzjonijiet ta' att amministrattiv li għalihom il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni espliċitament teżiġi miżuri ta' implimentazzjoni fil-livell tal-Unjoni jew nazzjonali ma jistgħux ikunu l-oġġett ta' talba għal rieżami intern.

Meta att amministrattiv ikun miżura ta' implimentazzjoni fil-livell tal-Unjoni li jkun meħtieġ minn att ieħor mhux leġiżlattiv, l-organizzazzjoni mhux governattiva tista', madankollu, flimkien mat-talba tar-rieżami ta' dik il-miżura ta' implimentazzjoni, titlob ukoll ir-rieżami tad-dispożizzjoni tal-att mhux leġiżlattiv li minħabba fiha tkun meħtieġa dik il-miżura ta' implimentazzjoni.

Din it-talba għandha ssir bil-miktub u f'limitu ta' żmien li ma jaqbiżx it-tmien ġimgħat wara li jkun ġie adottat, notifikat jew ippubblikat l-att amministrattiv, skont liema jkun l-aktar tard, jew, f'każ ta' allegazzjoni ta' ommissjoni, tmien ġimgħat wara d-data li fiha kien meħtieġ l-att amministrattiv. It-talba għandha tinkludi r-raġunijiet għar-rieżami.

2. L-istituzzjoni jew il-korp tal-Unjoni msemija fil-paragrafu 1 għandhom iqisu kull talba b'hal din, sakemm ma tkunx infondata b'mod ċar. L-istituzzjoni jew il-korp tal-Unjoni għandhom jagħtu r-raġunijiet tagħhom fi tveġiba bil-miktub kemm jista' jkun malajr, iżda mhux aktar tard minn 16-il ġimgħa wara l-wasla tat-talba."

(b) fil-paragrafu 3, it-tieni subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Fi kwalunkwe każ, l-istituzzjoni jew il-korp tal-Unjoni għandhom jaġixxu fi żmien 22 ġimgħa mill-wasla tat-talba."

3. Tul it-test tar-Regolament, ir-referenzi għad-dispożizzjonijiet tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea (it-Trattat KE) huma sostitwiti b'referenzi għad-dispożizzjonijiet korrispondenti tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (it-TFUE) u jsiru l-bidliet grammatikali meħtieġa kollha.
4. Tul it-test tar-Regolament, anki fit-titolu, il-kelma "Komunità" hija sostitwita bil-kelma "Unjoni", u jsiru l-bidliet grammatikali meħtieġa kollha.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President